# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 26 ta' Frar 2024**

**Numru 9**

**Rikors numru 25/2018**

***Naico Limited***

***v.***

***Rosa Limited*;**

**Ahmed Hamruni bħala azzjonist u direttur tas-soċjetà *Rosa Limited*; u b'dikriet tad-19 ta' Frar 2019 inħatru l-Avukat Mark Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo bħala kuraturi deputati biex jidhru għal Ahmed Hamruni; u**

**Fairuz El Hamruni fil-kwalità tagħha ta' direttriċi tas-soċjetà *Rosa Limited***

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi *Naico Limited* minn provvediment mogħti mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Kummerċ, fit-18 ta' Marzu 2021 illi

ċaħdet talba tal-attriċi għal rimedju taħt l-art. 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji ["Kap. 386"]. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Kien intlaħaq ftehim bejn (i) is-soċjetà attriċi ["*Naico*"], (ii) is-soċjetà maltija *Piccinino Franchising International Limited* ["*Piccinino*"] u (iii) is-soċjetà libika *Al Akhwein Alebia for Clothes Import Company* ["*Al Akhwein*"] sabiex dawn flimkien jiftħu u jmexxu ħwienet fil-Libja. *Al Akhwein* hija mmexxija minn Omar Hamruni, li jiġi missier il-konvenuti Ahmed Hamruni u Fairuz El Hamruni.

3. Is-soċjetà konvenuta *Rosa Limited* ["*Rosa*"] twaqqfet bħala l-vettura biex jitwettaq dan il-ftehim. L-ishma f'*Rosa* huma maqsuma hekk: ħamsin fil-mija (50%) huma tal-konvenut Ahmed Hamruni; ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) huma ta' *Piccinino* u ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) huma tal-attriċi *Naico.*

4. Il-konvenut Ahmed Hamruni sab post fil-Libja li fil-fehma tiegħu kien tajjeb bħala ħanut, u ippropona li jinkera. Il-partijiet l-oħra qagħdu fuq il-parir ta' Ahmed Hamruni u għalhekk saru ħafna spejjeż biex inkera u tlesta dan il-ħanut, u l-attriċi ħarġet sehem minn dawn l-ispejjeż.

5. In-negozju iżda ma rnexxiex u nħolqu wkoll problemi fit-tmexxija, fosthom *stock* mitluf u diskrepanzi fil-kontijiet finanzjarji, barra nuqqas ta' bejgħ. Kien biss f'dan l-istadju illi l-konvenuta Fairuz El Hamruni għarrfet lill-attriċi illi l-ħanut – li fih saru ħafna spejjeż u benefikati li, iżda, ma irrendew xejn – huwa proprjetà ta' żewġha. Dan il-fatt kien inżamm mistur waqt li kienu qegħdin isiru l-arranġamenti minn Ahmed Hamruni biex jinkera l-ħanut.

6. Billi fil-fehma tagħha dan kien "aġir abużiv" li qiegħed "jikkawża preġudizzju qawwi u danni irrimedjabbli" kemm lill-attriċi u kemm lil *Rosa*, u għalhekk hemm raġunijiet biżżejjed għala l-qorti tagħti ordnijiet taħt l-art. 402 tal-Kap. 316, l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti "tagħti dawk id-direttivi, provvedimenti u ordnijiet kollha li jidhrilha xierqa u opportuni a tenur tal-precitat artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji bil-għan li l-preċitati atti oppressivi, diskriminatorji u preġudizzjali jiġu rrimedjati minnufih".

7. Wieġbu l-kuraturi f'isem Ahmed Hamruni biex igħidu illi ma jafux il-fatti tal-każ, u wieġbet ukoll Fairuz El Hamruni kemm f'isimha u kemm, "b'riserva" għal *Rosa*. Wieġbet "b'riserva" f'isem *Rosa* għax tgħid illi l-ħatra tagħha bħala direttriċi ta' dik is-soċjetà ma tiswiex. Wara li ressqet eċċezzjonijiet preliminari dwar kompetenza tal-qorti u l-validità tal-ħatra tagħha bħala direttur, Fairuz El Hamruni ċaħdet illi kien hemm aġir abużiv.:

8. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

> »… … … tipprovdi billi, filwaqt li qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, qiegħda tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu. Għalhekk qiegħda tiċħad it-talba tar-rikorrenti, spejjeż għar-rikorrent.«

9. L-attriċi appellat b'rikors tas-7 ta' April 2021 li għalih wieġbi biss il-kuraturi għal Ahmed Hamruni fil-25 ta' Mejju 2021. Il-konvenuta Fairuz El Hamruni dehret quddiem din il-qorti fid-9 ta' Mejju 2021 u laqgħet in-notifika iżda ma weġbitx. L-istess konvenuta Fairuz El Hamruni dakinhar ukoll irrifjutat li tilqa' n-notifika f'isem is-soċjetà konvenuta *Rosa Limited* għax tgħid illi l-ħatra tagħha bħala direttriċi tas-soċjetà ma tiswiex u għalhekk ma tistax tilqa' notifika f'isimha.

10. Il-qorti iżda tosserva illi l-istess Fairuz El Hamruni reġgħet dehret quddiem il-qorti fit-30 ta' Jannar 2023 u ippreżentat *form K* li bih fil-25 ta' Jannar 2023 tat avviż taħt l-Att dwar il-Kumpanniji ["Kap. 386"] illi "*she is resigning from the directorship of Rosa Limited*" u illi "*effective date of change being today*".

11. Tassew illi tgħid ukoll illi r-riżenja tagħha hija minn "*directorship … for which she was never asked and never gave her consent*". Li kien hekk iżda u li kieku l-ħatra tagħha kienet null *ab initio* ir-rimedju tagħha kellu jkun mhux riżenja "*effective date of change being today*" iżda talba għal dikjarazzjoni ġudizzjarja li l-ħatra qatt ma kienet tiswa.

12. Fiċ-ċirkostanzi il-qorti jkollha toqgħod fuq id-dokumenti uffiċjali li juru illi Fairuz El Hamruni kienet direttriċi meta irrifjutat in-notifika quddiem din il-qorti fid-9 ta' Mejju 2021 u għalhekk, wara li rat l-art. 187 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tiddikjara illi n-notifika lil *Rosa Limited* saret f'idejn id-direttriċi tagħha Fairuz El Hamruni fid-9 ta' Mejju 2021.

13. Ngħaddu mela għall-appell.

14. L-attriċi talbet rimedju quddiem l-ewwel qorti "a tenur tal-precitat artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji". L-art. 402 tal-Kap. 386, li taħtu ngħata l-provvediment appellat, ma hemmx disposizzjoni bħal dik tal-art. 401(17) li tagħti dritt ta' appell meta l-provvediment ikun ingħata taħt l-art. 401. Hemm ukoll ġurisprudenza[1] f'dan is-sens li tgħid illi għalhekk, *a contrario sensu* u

[1] Ara Jonathan Shaw *et v.* David Alan Shaw *et*, App. 27 ta' Novembru 2009, u Antonia Baldacchino *et v. Balda Enterprises Limited et*, App. 19 ta' Jannar 2010.

*ubi voluit dixtit*, ma hemmx appell minn provvediment taħt l-art. 402 tal-Kap. 386.

15. Dan ifisser illi l-appell ma jiswiex, u l-qorti għalhekk ma tqisux aktar.

16. L-ispejjeż ta' dan l-episodju tħallashom is-soċjetà appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss